MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 925/2003

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**Paul Zammit**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenut issellef minghand is-socjeta' attrici l-ammont kapitali ta' erba u tmenin elf lira Maltija (Lm84,000) skond "facility letter" datata 17 ta' Ottubru, 1997, accettata mill-konvenut kopja hawn annessa (Dok. "A"), liema self kellu jithallas kollu flimkien mal-imghaxijiet varjabbli pattwiti mhux izjed tard mill-1ta' Lulju, 2002;

Premess illi l-konvenut hallas diversi pagamenti akkont tal-kapital misluf, izda ma ghamel ebda pagament iehor akkont tal-kapital wara l-20 ta’ Dicembru, 2002;

U premess illi l-konvenut huwa debitur tal-attrici fl-ammont ta’ bilanc kapitali ta’ Lm13,510.33, oltre imghaxijiet ulterjuri fuq dan il-bilanc ta’ 5.25 % mill-21 ta’ Dicembru, 2002, li sas-16 ta’ Awissu, 2003 jammontaw ghal Lm467.86 u dan kollu kif jirrizulta minn “statement of accounts” hawn anness (Dok “B1 sa 5”);

U premess illi l-konvenut naqas illi jhallas dawn id-debiti li huma dovuti;

U premess illi jezistu l-elementi kontemplati fl-Artikolu 167 (1) tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta (kodici tal-Procedura u tal-Organizazzjoni) ghall-ezenjoni mis-smiegh tal-kawza, billi d-debiti fuq imsemmija huma certi, likwidati u dovuti;

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni jew provediment necessarju u opportun, u bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikoli 167-170 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta:

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammonti kapitali mislufa ta’ Lm13,510.33 u ta’ Lm467.86 imghaxijiet ikkalkolati sal-16 ta’ Awissu, 2003, ammontanti ghas-somma totali ta’ Lm13,978.19 kif jirrizulta mill-konteggi murija fid-dokumenti annessi “Dok B1 sa 5”;

2. l-ammonti ta’ imghaxijiet legali ikkalkolati mill-17 ta’ Awissu, 2003 fuq il-bilanc kapitali ta’ Lm13,510.33 sad-data tal-pagament effettiv;

3. bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta’ Jannar, 2003 li jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Deher personalment Paul Zammit li ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Bili mill-ammissjoni tal-konvenut it-talba kif dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------